**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**03 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 3/2023**

**Emanuel sive Noel Vella**

**Vs**

**L-Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Emanuel sive Noel Vella** fl-10 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2022 l-esponent, li huwa " Category 3 Tester" liċenzjat ai termini tal-liġi (S.L. 65.15) mill-awtorita appellata (**"Transport Malta"**), u li ilu hekk liċenzjat għal għexieren ta' snin, għamel test tal-VRT fuq il-vettura LCM 134.*

*Illi t-test jikkonsisti kemm f'test permezz tal-kompjuter, fejn ir-riżultati huma prodotti awtomatikament, u f'partijiet oħra f'test fiżiku ta' partijiet mekkaniċi tal-vettura.*

*Illi r-riżultat ta' dan it-test li sar fis-26 ta' Ottubru 2022 huwa hawn anness bħala **Dok. A**.*

*Illi l-vettura in kwistjoni twaqqfet fit-triq minn uffiċjali ta' Transport Malta nhar it-30 ta' Ottubru 2022, li fil-fehma tagħhom il-vettura ma kenitx f' qagħda tajba għas-sewqan.*

*Illi għalhekk sar test mill-ġdid mill-istess esponent taħt is-sorveljanza ta' uffiċjali ta' Transport Malta fit-3 ta' Novembru 2022.*

*Illi f'dan it-test mill-ġdid, ħarġu ftit riżultati kemmxejn differenti minn dawk li ħarġu fit-test li kien sar fis-26 ta' Ottubru 2022.*

*Illi f'dik il-parti tat-test li jsir b'mod awtomatiku mill-kompjuters, irriżulta illi fejn fis-26 ta' Ottubru ma kienx hemm problemi, fit-3 ta' Novembru 2022 kien hemm problema fir-Rear Right Brakes u fir-Right Headlamp Dim Light.*

*Illi f'dik il-parti tat-test li jsir b'mod fiżiku / mekkaniku, ħareġ illi:*

*kien hemm bozza tal-"ABS Warning" li kienet qed tixgħel; din fis-26 ta' Ottubru 2022 ma kenitx qed tixgħel;*

*kien hemm "Rear Stabilizer Bushes to Axle" laxki iżda mhux perikolużi. Din il-problema ma kenitx ġiet riskontrata fit-test tas-26 ta' Ottubru 2022;*

*kien hemm "Windscreen Washer" li ma kienx qed jaħdem. Din il-problema, minkejja li ta' ebda periklu, ma kenitx ġiet riskontrata fit-test tas-26 ta' Ottubru 2022 għaliex f'din id-data kien qiegħed jaħdem tajjeb;*

*kien hemm "Both Upper Arm Bushes" u "Front Left Upper Arm Ball Joint" laxki. Dawn ukoll ma kienux ġew riskontrati fit-test tas-26 ta' Ottubru 2022.*

*Illi kien hemm ukoll ir-Rear Left Outer Tyre u l- Clutch Pedal Anti Slip li, peress li kienu problemi minuri u mhux li teħel test fuqhom, kienu ġew elenkati fir-rapport tas-26 ta' Ottubru 2022 bħala kwistjonijiet li s-sidien kellhom jirranġaw iżda li ma żammewx il-vettura milli tgħaddi t-test.*

*Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultati li ħargu mit-test tat-3 ta' Novembru, 2022, it-Transport Malta bagħtet ittra ta' deċiżjoni lill-esponent* ***(Dok. B)*** *fejn infurmatu illi kienu ser jiġu addebitati lilu 375 punt ta' penali u li kien ser jitneħħa mir-reġistru ta' testers għal perjodu ta' sena (****"id-deċiżjoni"****). Din l-ittra, għalkemm datata 12 ta' Diċembru 2022, l-esponent irċeviha fit-30 ta' Diċembru 2022.*

*Illi l-anqas ma huwa minnu li, kif ġie allegat fl-istess ittra, t-test tas-26 ta' Ottubru 2022 ma għamlux l-esponent iżda ċertu Roderick Micallef, u għalhekk l-esponent qiegħed jinterponi dan l-appell fil-konfront tal-punti li ġew addebitati lilu bħala l-persuna responsabbli tat-test li sar fis-26 ta' Ottubru 2022.*

*Illi d-deċiżjoni ta' Transport Malta, hija kemm żbaljata kif ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk qed jiġi interpost dan l-umli appell lil dan it-Tribunal.*

***L-Aggravju***

*Illi l-aggravju tal-esponent jittratta l-penali ta' punti li ġew imposti fuq l-esponent fid-deċiżjoni.*

*Illi fid-dawl ta' dak suespost u tal-fatt illi r-riżultati tat-test tas-26 ta' Ottubru 2022 juru b'mod ċar illi t-test sar b'mod sħiħ u pproduċa riżultati, li minkejja li kienu differenti*

*minn dawk prodotti mit-test tat-3 ta' Novembru 2022, ma hemmx lok li jiġu mposti l-penali.*

*Illi l-fatt biss illi test sussegwenti pproduċa, f'ċertu istanzi, riżultati differenti ma jwassalx awtomatikament għal xi egħmil negliġenti tal-esponent li esegwa l-ewwel test. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għal dan, inkluż kif u fejn ġiet misjuqa l-vettura fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ testijiet, li bl-ebda mod ma juru xi tort tal-esponent u li għandu jiġi misjub responsabbli għalihom.*

*Illi bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn fuq espost, b'mod l-aktar ċar, ma jista qatt ikun li t-tester ikun responsabbli għat-test awtomatiku magħmul mill-istess kompjuters li esegwew l-istess test eżatt fit-3 ta' Novembru 2022, u pproduċew riżultati differenti.*

*Illi fir-rigward tat-testijiet l-oħra fiżiċi, anke hawn ma hemm xejn x'juri li l-ewwel test sar ħażin. Bla ebda ħsara għal dan, l-anqas ma kellu jkun li awtomatikament għal kull difett li nstab fil-vettura fid-data tat-tieni test, ġie addebitat lit-tester (u cioe l-esponent) il-punti massimi tal-penali għal kull difett. Kif ġja ġie spjegat ċerti difetti ma jwasslu għal ebda periklu fis-sewqan tal-vettura, u għalhekk ma għandhomx jiġu addebitati punti massimi lit-tester.*

*Illi l-anqas ma ttieħed kont tal-fatt li f'ċerti istanzi, ċerti difetti minuri kienu ġew individwati u rapportati mill-esponent, minkejja li ma waħħlux il-vettura mit-test. Għalhekk f'dawn il-każijiet ma kellhomx jiġu addebitati l-ebda punti ta' penali.*

*Illi għalhekk id-deċiżjoni għandha tiġi mħassra jew, għall-inqas, riveduta b'mod li l-punti ta' penali jitnaqqsu sew jekk dan it-Tribunal iħoss li l-esponent xorta huwa responsabbli għal ċerti nuqqasijiet li jwasslu li jiġu mposti fuqu punti ta' penali. Ma għandux għalfejn jingħad li d-deċiżjoni ser tolqot direttament l-introjtu tal-esponent in kwantu mhux ser ikun jista' jopera għal perjodu ta' sena.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu, għar-raġunijet hawn fuq imfissra:*

1. *Iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal- awtorita appellata tat-12 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha imponiet fuq l-esponent 375 punt u sospensjoni ta' sena tal-liċenzja tiegħu ta' Tester;*

*u*

2. *Fin-nuqqas li tiġi annullata d-deċiżjoni, skont it-talba preċedenti, ibiddel id-deċiżjoni b'mod li l-penali mposti fuq l-esponent jirriflettu n-nuqqasijiet li jistgħu verament jiġu addebitati lilu, jekk jinstab li hemm.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** datata 24 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-appell interpost mill-appellant Emanuel sive Noel Vella għandu jiġi miċħud bl-ispejjez kontra tiegħu stante d-deċizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lill-appellant permezz tal-ittra tagħha datata 12 ta' Diċembru, 2022 hija waħda gusta, korretta u skond il-ligi għar-ragunijiet ben imfissra fl-imsemmija ittra u kif se jirriulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell tramite l-provi kemm dokumentarji u kif ukoll xhieda orali illi se jigu prodotti, u għalhekk għandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent appellant għandu jigi miċħud għar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

2. *Illi ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 12 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:

*Dear Mr Vella,*

***<u>Re: VRT on vehicle bearing Registration Number LCM 134 (Class 3 Vehicle)</u>***

*I draw your attention to the fact that the vehicle in caption was issued with a passed VRT result on the 26th October, 2022. The Test Result document (No: RD 4612801) was issued in your name – copy herewith attached and marked as Doc.'A' – with the test having been conducted at Express VRT Limited Testing Station , which you hold the Opertor's Licence.*

*The said vehicle was stopped by Transport Malta VIU Enforcement Officers while being driven on the road on the 30th October, 2022, and from a visual inspection it was clear that the said vehicle (which had only four days earlier passed a VRT, as per attached Doc. 'A') was noti n a good state to be used and driven on the road.*

*A full re-inspection VRT test was conducted by you- as Tester on the 3rd November, 2022 in the presence of two officials from the Transport Malta Technical Unit, a TM Enforcement Officer, with Roderick Micallef and Braydon Caruana as Assistant Testers.*

*The vehicle in question failed the said re-test as per the attached Document 'B'. It resulted that the said vehicle failed the VRT on the Following test items, which carry a total of 375 penalty points on the Tester:*

| **Failed Items** | **Item Number** | **Penalty Points** |
|---|---|---|
| Rear right brakes | 17 | 100 |
| ABS Warning Light | 43 | 50 |
| Both Upper Arm Bushes | 21 | 50 |
| Front Left Upper Arm Ball Joint | 21 | 50 |
| Rear Stablizer Bushes to Axle | 21 | 50 |
| Rear Left Outer Tyre | 20 | 50 |
| Windscreen washer | 36 | 10 |
| Right Headlamp Dim Light | 13 | 10 |
| Windscreen Washer | 36 | 10 |
| Right Headlamp Dim Light | 13 | 10 |
| Clutch Pedal Anti Slip | 33 | 05 |
| | **Total:** | **375** |

*As a result, your name shall be removed from the register of testers for a period of one year in terms of Regulation 24(2) of Subsidiary Legislation 65.15 since a total of more than 150 penalty points will be endorsed on your name.*

*The Transport Malta officials present for the re-inspection VRT test which you conducted on the 3rd November, 2022 have informed me that your discourse and course of conduct have been conveyed an impression that in actual fact the first VRT of the 26th October, 2022 had not been conducted by you but by Tester Roderick Micallef, who is not licensed to conduct VRT tests on Category 3 vehicles.*

*In view of the above you are being formally called upon to state in writing, by means of a signed document ,whether you had conducted the initial VRT Test on vehicle bearing registration number LCM 134, as shown on the attached Document 'A', or whether the said test was conducted by tester Roderick Micallef. The signed declaration is to be submitted to the Authority by hand by not not later than seven (7) days from the date of notification of this letter.*

*In the event that you fail to submit the said signed declaration within the prescribed time, the Authorityshall proceed to endorse the above- quoted 375 penalty points on your entry and to immediately remove your name from the register of testers.*

*In the event that you submit a signed declaration- stating that in actual fact the VRT Test on vehicle Reg. No: LCM 134 was not conducted by you, contrary to what is shown on Document 'A', but by Tester Roderick Micallef, said signed declaration must also bear the signature and acceptance of the said Roderick Micallef in order for the Authority to proceed to endorse thesaid penalty points on the entry of the said Roderick Micallef (thus resulting in his name being removed from the register of testers for a period of one year) whilst also endorsing 1,000 penalty points on your entry qua operator under Item 6 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15, together with an administrative fine of eleven thousand Euros (€11,000) in terms of Regulation 21(4) of S.L. 65.15.*

**Ir-rikorrent** xehed illi l-liċenżja ta' tester ilha għandu diversi snin u qatt ma kellu problemi mal-Awtorita` intimata. Spjega li fis-26 ta' Ottubru 2022, flimkien mal-apprentist tiegħu Roderick Micallef, esegwew test fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM134. Ftit ġranet wara l-istess vettura twaqqfet mill-uffiċjali tal-Awtorita` intimata u sarilha test ieħor għaliex fil-fehma tagħhom ma kinitx f'qagħda tajba għas-sewqan. Dan it-test ġie esegwit fit-3 ta' Novembru 2022. Jispjega li fil-parti tat-test awtomatiku, u ċioe` li jsir bil-kompjuter, instab nuqqas fir-*rear right brakes* u fir-*right headlamp dim light*, filwaqt li fit-test fiżiku/mekkaniku kien hemm xi ftit diskrepanzi oħra li pero` ma kinux jirrendu l-vettura in kwistjoni bħala waħda perikoluża. Fir-rigward tar-*rear left outer tyre* u tal-*clutch pedal anti slip*, peress li l-problemi kienu minuri u mhux kaz li vettura teħel fuqhom, huwa spjega li dawn ġew elenkati fir-rapport tas-26 ta' Ottubru 2022 bħala kwistjonijiet li s-sidien kellhom jirranġaw. Hu ċaħad li kien Roderick Micallef li esegwixxa t-test tas-26 ta' Ottubru 2022. Spjega li l-istess Roderick kien qiegħed hemm biex jitgħallem peress li huwa diġa` għandu liċenżja ta' tester pero` mhux ta' tester tat-trakkijiet, u ċioe` Category 3.

**Roderick Micallef** xehed illi huwa VRT tester liċenżjat u kien ilu mill-2021 jitħarreġ mar-rikorrent biex jikseb liċenżja ta' tester tat-trakkijiet. Spjega li hu qatt ma jkun qed jagħmel test fuq trakk waħdu u r-rikorrent dejjem jiċċekkja kollox u jurih x'għandu jagħmel biex b'hekk jitgħallem fuq ix-xogħol.

**Charles Debono**, *Principal Technical Officer* mal-Awtorita` intimata, xehed illi huwa jagħmel spezzjonijiet fil-VRT Testing Stations. Spjega li fit-3 ta' Novembru 2022 huwa ġie ordnat mis-superjuri tiegħu sabiex jattendu ġewwa l-Express VRT Station sabiex isegwu VRT li kellu jsir fuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM134, wara li l-istess vettura kienet ġiet imwaqqfa fit-triq fit-30 ta' Ottubru 2022 fejn kienu nstabu numru ta' irregolaritajiet. Waqt it-test tat-3 ta' Novembru 2022 ġew riskontrati għadd ta' nuqqasijiet li fl-opinjoni tiegħu ma setgħux saru fi żmien daqshekk qasir. Fil-fehma tiegħu, id-difetti riskontrati u li ma setgħux jiddeterjoraw fi żmien ġimgħa kienu s-segwenti, u cioe`:-

***Clutch pedal anti slip***
***Rear left outer tyre***
***Rear right brakes***
***Żewg upper arm bushes***
***Front left upper arm ball joint***
***Rear stabilizer bushes to axle***

Huwa stqarr illi fir-rigward tad-difett fir-*right head lamp* jista jagħti l-benefiċċju tad-dubju għaliex mhux impossibbli li tali ħsara żviluppat bejn it-test u r-re test. Madanakollu, fir-rigward tal-brejkijiet stqarr illi biex ir-rikorrent jipprova jgħaddi l-vettura waqt ir-re test, huwa pprova jistira l-*handbrake* pero xorta waħda l-brejkijiet m'għaddewx mit-test.

In kontro eżami, is-Sur Debono xehed illi kien għamel spezzjonijiet oħra fil-VRT Station in kwistjoni pero` qatt ma kien sab ebda rregolarita` pero` kollegi tiegħu kienu sabu kaz ieħor ta' irregolarita` fuq vann. Mistoqsi fir-rigward tar-riżultati li joħorġu b'mod awtomatiku mill-kompjuter, ix-xhud wieġeb li hemm lok li wieħed "ibagħbas" ir-riżultat billi jekk pereżempu meta tagħfas il-pedala tal-brejk tara l-*fuse* ta' wara ftit għajjien, allura tista' tgħinu bil-*handbrake* u twaqqaf ir-rombli xorta. Spjega li meta sar ir-re test, it-tester għafas il-brejk biss pero` nduna li t-trakk ikkriepa mhux ħażin biex waqaf. Spjega li tant il-brejkijiet ma kinux qegħdin kif suppost li l-bozza tal-ABS kienet qiegħda tixgħel waqt ir-re test. Huwa xehed ukoll illi waqt ir-re test kien l-istess rikorrent li beda jindika certu nuqqasijiet meta kien qed jagħmel l-ispezzjoni vizwali.

In ri-eżami, is-Sur Debono spjega li l-bozza tal-ABS tista' tixgħel fi kwalunkwe ħin u allura kien lest jikkonċedi l-benefiċċju tad-dubju favur ir-rikorrent. Huwa spjega li xogħlu qabel beda jaħdem mal-Awtorita` intimata kien ta' mekkanik għal diversi snin u kwindi kien jaf jekk *part* ta' vettura tistax tmur fi ftit granet jew le.

**Clayton Zerafa,** *Principal Technical Officer* mal-Awtorita` intimata, xehed li akkumpanja lil Charles Debono għar-re test tat-3 ta' Novembru 2022 u kkonferma dak li kien xehed il-kollega tiegħu.

**Ikkunsidra:**

Illi l-aggravju prinċipali tar-rikorrenti huwa li t-test tas-26 ta' Ottubru 2022 sar kif kellu jsir u l-fatt li kien hemm xi diskrepanżi fir-riżultati tat-test u r-re test ma jfissirx awtomatikament illi kien hemm xi għemil negliġenti da parti tiegħu.

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tar-Regolament 14 (2) (b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiċċertifikaw Li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Għat-Triq "*persuna li tittestja għandha tħares, f'kull ħin, ir-regolamenti*

*u standards li għandhom x'jaqsmu ma' testjiet li jiċċertifikaw li l-vettura hija tajba għat-triq kif stipulati f'dawn ir-regolamenti u approvati mill-Awtorità."*

Illi mix-xhieda ta' Charles Debono jirriżulta li ġie konċess minnu illi jista' jagħti l-kaz li tlieta (3) mid-difetti minn dawk riskontrati rriżultaw wara li sar it-test, u speċifikatament id-difett fl-*ABS warning light,* il-*windscreen washer* u r-*right headlamp dim shift*. Pero` l-istess xhud kien kategoriku li d-difetti l-oħra kien diffiċli biex żviluppaw f'temp ta' ftit ġranet, tenut kont ukoll tat-tip ta' vann in kwistjoni.

Illi dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni kemm ix-xhieda tar-rikorrent u kemm dik ta' Charles Debono, u wara li qies iċ-ċirkostanżi kollha iqis illi x-xhieda tas-Sur Debono għandha iktar mis-sewwa. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa ferm improbabbli, jekk mhux impossibbli, li d-difetti riskontrati fir-re test, ad eċċezzjoni ta' dawk imsemmija iktar 'il fuq, saru f'temp ta' ftit jiem. It-Tribunal jemmen li dawn id-difetti kienu eżistenti meta sar it-test u r-rikorrent jew kien negliġenti u ma għamilx eżami tajjeb tagħhom jew inkella rahom u għażel li jinjorahom u għadda l-vettura mit-test.

Illi filwaqt li t-Tribunal ħa konjizzjoni tal-fatt illi s-Sur Debono għamel spezzjonijiet oħra fil-garaxx tar-rikorrent u dejjem sab kollox regolari, dan kollu ma jista' jkollu ebda piż jekk f'din l-okkazjoni ġew riskontrati difetti f'vettura li ma jagħmluhiex tajba għat-triq. Illi t-test isir proprju biex vettura tiġi ċertifikata li hija tajba biex tinstaq fit-triq u li ma hix ta' perikolu kemm għas-sewwieq innifsu u kemm għal terzi. F'kaz li jinħareġ ċertifikat li vettura tkun għaddiet mit-test meta fil-fatt kellha teħel, allura tkun qed titpoġġa f'perikolu s-soċjeta` in ġenerali u huwa proprju għalhekk li hemm is-sanzjonijiet kontra min jabbuża. Il-fatt li fiċ-ċertifikat tat-test tas-26 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrent indika tliet difetti minuri ma jista' jaġevolah bl-ebda mod, kemm għaliex fil-fehma tat-Tribunal dawn ma kinux difetti "minuri" u kemm għaliex anke, jekk għall-grazzja tal-argument biss, dawn d-difetti jitneħħew mil-lista ta' difetti riskontrati fir-re test, xorta waħda se jkun qed jaqbeż il-massimu ta' punti ta' penalita` li jwasslu għat-tneħħija ta' ismu minn fuq ir-reġistru ta' persuni li jistgħu jesegwixxu testijiet ta' VRT fuq vetturi.

Kwindi jekk wieħed inaqqas it-tliet difetti li dan it-Tribunal qiegħed jagħti l-benefiċċju tad-dubju dwarhom lir-rikorrent, u cioe`, id-difett fl-*ABS Warning Light,* dak fir-*right headlamp dim light* u wkoll fil-*windscreen washer*, it-total ta' punti ta' penalita` ghad-difetti l-oħra jammonta għal tliet mija u ħames (305) punti.

Illi fir-rigward ta' dak li ġie aċċennat fid-deċizjoni appellata dwar min esegwixxa t-test, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fuq bilanċ ta' probabilita` ġie ppruvat mir-rikorrent illi kien huwa nnifsu li għamel it-test tas-26 ta' Ottubru 2022 filwaqt li mhux kontestat li Roderick Micallef kien preżenti biex jgħinu jwettaq l-istess test. Illi għalkemm ma nġabet ebda prova illi r-rikorrent bagħat id-dikjarazzjoni mitluba lill-Awtorita` intimata dwar dan il-fatt fi żmien sebat (7) ijiem minn meta rċieva d-deċiżjoni appellata, madanakollu jirriżulta li r-rikorrent introduċa dan l-appell fejn fil-mori tiegħu ipproduċa

dikjarazzjoni ġuramentata minn Roderick Micallef li spjega r-rwol tiegħu waqt it-testijiet ta' trakkijiet. Kwindi, t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma hemm ebda lok għal xi azzjoni ulterjuri da parti tal-Awtorita` intimata fuq din il-kwistjoni.

Fl-aħħarnett it-Tribunal josserva illi r-rikorrent ġie wkoll sospiż milli jopera bħala *tester* għal żmien sena in vista li akkumula iktar minn 150 punt ta' penalita`. Illi t-Tribunal m'għandu xejn x'jiċċensura minn din id-deċiżjoni stante li l-Awtorita` intimata imxiet mad-dettami tal-liġi, senjatament Regolament 24 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-ragunijiet hawn fuq esposti, qiegħed limitatament jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu qiegħed jirrevoka dik il-parti tad-deċizjoni fejn l-Awtorita` intimata imponiet punti ta' penalita` fir-rigward tad-difetti tal-*ABS Warning Light*, dak fir-*right headlamp dim light* u wkoll fil-*windscreen washer*, u ċioe`, total ta' sebgħin (70) punt ta' penalita`, jirrevokaha fir-rigward tal-kwistjoni dwar minn min sar it-test, filwaqt li jikkonfermaha għall-bqija. Għalhekk it-Tribunal jikkonferma l-impożizzjoni ta' punti ta' penalita` fuq ir-rikorrent fl-ammont ta' tliet mija u ħames (305) punti u kif ukoll it-tħassir ta' isem ir-rikorrent għal perjodu ta' sena mir-reġistru ta' persuni li jittestjaw.

Bl-ispejjeż in kwantu żewġ terżi għar-rikorrent u terż għall-Awtorita` intimata.

____________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**